MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1657/1992/1

**Anthony Ventura ghan-nom u *in rapprezentanza* tal-Korporazzjoni *Enemalta***

**vs**

**Kevin James Fenech, bhala Direttur, ghan-nom u *in rapprezentanza* tas-Socjeta' *Nazzareno Fenech Limited*, u l-istess Nazzareno Fenech *proprio* ghal kull interess li jista' jkollu u b'nota tal-25 ta' Jannar, 1993, Michael Angelo Fenech assuma l-atti ta' din il-kawza minflok Kevin James Fenech fil-kwalita' tieghu ta' Direttur tas-Socjeta' *Nazzareno Fenech Limited***

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-Korporazzjoni attrici fis-7 ta' Dicembru, 1992, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

L-attur *nomine* kien hareg licenzja favur il-konvenut Nazzareno Fenech *proprio* sabiex dan jixtri u jahzen prodotti konsistenti fi zjut u petrol u prodotti ohra simili.

Ghal dawn l-ahhar snin din il-licenzja kienet qed tithaddem mill-konvenut l-iehor u *cioe'* s-Socjeta' *Nazzareno Fenech Limited*.

L-attur *nomine* biegh u kkonsenja lill-konvenuti, jew min minnhom, zjut ghall-prezz ta' Lm244,634.65 (mitejn u erbgha u erbghin elf, sitt mija u erbgha u tletin Liri Maltin u hamsa u sittin centezmu) liema ammont sal-lum ghadu l-bilanc pendenti, kif jirrizulta minn *statement* hawn anness u mmarkat Dok. *"X"*.

Ghalkemm il-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficcjali datata 29 ta' April, 1992, huma baqghu inadempjenti.

L-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi *a tenur* tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili, u billi, fil-fehma tal-esponenti, il-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni valida x'iressqu ghar-rigward, l-istanti qed jannetti ma' dan l-att Affidavit markat Dok *"A" a tenur* tal-istess artikoli tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1) tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

2) tikkundannhom, jew min minnhom, jhallsu s-somma ta' Lm244,634.65 rapprezentanti l-bilanc dovut ghaz-zjut mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti mill-attur *nomine*.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 29 ta' April, 1992, tal-Affidavit esebit (Dok *"A"*), u tal-Mandat ta' Qbid u Sekwestru, li qed jigi pprezentat kontestwalment

ma’ dan l-att, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti ingunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat li ghalkemm din il-kawza bdiet bil-procedura sommarja (tant li intalbet id-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), jidher li, minghajr oppozizzjoni, l-kawza tkompliet bil-procedura normali;

Rat in-nota ta’ Michael Angelo Fenech tal-25 ta’ Jannar, 1993, li *in forza* taghha assuma l-atti minflok Kevin James Fenech fil-kwalita’ tieghu ta’ direttur tas-socjeta’ *Nazzareno Fenech Ltd*;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Angelo Fenech ghan-nom u *in rapprezentanza* tas-socjeta’ *Nazzareno Fenech Ltd* li *in forza* taghha eccepixxa illi:

Ic-citazzjoni hija irrita u nulla peress li mhuwiex koncepibili legalment li wiehed jivvanta kreditu kontra persuna kif ukoll kontra persuna ohra *“ghal kull interess li jista’ jkollha”* meta l-kreditur suppost li jaf lil min biegh u kkonsenja l-merkanzija li taghha qieghed jintalab il-hlas u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.

Minghajr pregudizzju tal-premess, hemm pendenti bejn il-kontendenti zewg kawzi ohra li jolqtu l-meritu ta’ din il-kawza u *cioe’ “Alfred Fenech ghan-nom ta’ Nazzareno Fenech Ltd. -vs- Lawrence Ciantar noe”* (Citaz. Numru 308/88 JDC) u *“Alfred Fenech noe -vs- Lawrence Ciantar noe”* (Citaz. Numru 520/88MB) u ghalhekk din il-Qorti ghandha tordna li t-tliet kawzi ghandhom jigu trattati kontestwalment salv kull provvediment iehor li jghogobha tghati din il-Qorti.

Minghajr pregudizzju tal-premess u fil-meritu l-eccipjent m’ghandhux jghati l-ammont mitlub.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Nazzareno Fenech li *in forza* taghha eccepixxa illi:

It-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress li l-eccipjent qatt ma ordna z-zjut imsemmija fl-att tac-citazzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-decisjoni moghtija mill-allura Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-25 ta’ Ottubru, 1993, li *in forza* taghha dik l-Onorabbli Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta bl-ispejjez kontra taghha;

Rat li s-socjeta’ konvenuta interponiet appell minn din id-decizjoni;

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta’ Ottubru, 1998, li *in forza* taghha cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza *in parte* moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-25 ta’ Ottubru, 1993, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant *nomine*, u ordnat li l-atti tal-kawza jigu mill-gdid rinvjati minnufih quddiem din il-Qorti, sabiex tkompli tisma’ u tiddeciedi l-bqija tal-meritu skond il-ligi;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tad-29 ta’ April, 2003, li *in forza* taghha inhatret l-Assistent Gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci sabiex tkompli tisma’ l-provi tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-26 ta’ Ottubru, 2004, li *in forza* tieghu l-Assistent Gudizzjarju fuq imsemmija giet sostitwita bl-Assistent Gudizzjarju Dr. Claudine Galea, peress illi dik tal-ewwel ma baqghetx taqdi l-funzjoni ta’ Assistent Gudizzjarju ta’ din il-Qorti kif issa preseduta;

Rat il-verbali tas-seduti mismuma mill-Assistenti Gudizzjarji;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Assistenti Gudizzjarji;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-Korporazzjoni attrici qed titlob hlas f'ammont ta' Lm244,634.65 rapprezentanti l-bilanc dovut fuq konsenja ta' zejt u *petrolium products*. Il-licenzja biex jopera *petrol station* kienet fuq isem Nazzareno Fenech, u jidher li l-licenzja baqghet fuq ismu. Fl-1984, peress li n-negozju qabel gestit minn Nazzareno Fenech beda jsir mill-kumpanija *Nazzareno Fenech Ltd*, saret talba biex il-licenzji konnessi ma' dak in-negozju *"be transferred to our new company which will be contracting all commercial operations"*. Il-Korporazzjoni attrici rrispondiet li ma kienet issib ebda oggezzjoni li *"licenses connected with the sale of petroleum products <u>be operated by</u> the present company (Nazzareno Fenech Ltd)"*.

Minn dak il-mument, l-ordnijiet ghal *petroleum* bdew jsiru mill-kumpanija, u l-ircevuti ghall-pagamenti li kienu jsiru bdew johorgu fuq *Nazzareno Fenech Ltd*. Ma jidhirx li l-licenzji, *pero'*, tbiddlu jew inhargu fuq isem il-kumpanija.

Kontestazzjoni dwar l-ammont mitlub ma jidhirx li hemm. Dan ikkonfermah is-Sur Tarcisio Mifsud, *ex Financial Controller* mal-Korporazzjoni attrici, li kkonferma li, fid-diskussjonijiet li kellu mal-kontroparti, il-kwistjonijiet kienu dejjem dwar il-modalita' tal-hlas u l-kondizzjonijiet tal-licenzja, izda qatt fuq l-ammont dovut. Jirrizulta wkoll li *da parti* tal-konvenuti nhargu cekkijiet biex issir il-hlas, izda dawn ic-cekkijiet ma gewx onorati mill-Bank. Meta tqies ukoll ix-xejra ta' domandi li tressqu mill-konvenuti fid-direzzjoni tas-Sur Mifsud, jirrizulta li l-vera kontestazzjoni kienet ticcentra fuq ir-responsabilita' ghall-hlas, u mhux

fuq l-ammont. F’kull kaz, l-ammont mitlub gie kkonfermat, u s-somma mitluba ghandha, ghalhekk, titqies dovuta.

Il-kwistjoni dwar ir-responsabilita’ ghall-hlas tidher ftit aktar komplikata. Mhux kontestat li originarjament, il-licenzja ghall-bejgh ta’ *petroleum products* fis-suq lokali inharget fuq isem Nazzareno Fenech. Jidher li hekk baqghet intestata l-licenzja peress li fil-proposti ghall-ftehim imressqa mill-konvenuti, wahda mill-proposti kienet (u din it-talba hija ripetuta f’diversi abbozzi ta’ ftehim), li l-licenzji jibdew jinhargu fuq isem kumpanija. Fil-fatt, *da parti* tal-konvenuti, mhux allegat li l-licenzja inqalbet minn fuq isem Nazzareno Fenech ghal fuq isem kumpanija, imma qed jigi sottomess li x-xiri tal-prodotti kien isir mill-kumpanija, u meta kien isir xi hlas, l-ircevuti kienu johorgu fuq isem il-kumpanija; *kwindi*, qed jigi allegat, hija l-kumpanija biss li tista’ tkun responsabbli ghall-hlas ta’ xi bilanc dovut.

Kif, *pero’*, hu maghruf, ircevuta hi biss prova ta’ hlas mill-persuna msemmija f’dik l-ircevuta, u xejn aktar. Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza <u>“Fenech vs Mizzi”</u>, deciza fit-2 ta’ April, 1984, terza persuna tista’ thallas dak li hu dovut minn haddiehor, u l-kreditur ma jistax jirrifjuta l-hlas jekk dan ikun ta’ vantagg ghad-debitur. Il-fatt, imbaghad li l-operazzjoni kummercjali kienet qed titmexxa mill-kumpanija, taghmilha responsabbli ghall-operat taghha, izda ma jezonerax lil min ikollu l-licenzja mill-obbligi tieghu taht il-ligi. Il-konvenut Nazzareno Fenech, bhala l-persuna li fuqha inharget il-licenzja, kien u baqa’ responsabbli lejn il-Korporazzjoni attrici ghat-twettiq tal-obbligi naxxenti minnha; il-fatt li inghata permess <u>jopera</u> u jqassam il-prodott lill-konsumatur *tramite* kumpanija, ma jfissirx li hu gie ezonerat mir-responsabilitajiet tieghu. Il-kumpanija intuzat biex Nazzareno Fenech jopera n-negozju tieghu, izda ma saritx *licencee*. Hekk kif inkwilin ta’ fond jista’ jmexxi n-negozju *tramite* kumpanija, waqt li jzomm fuq ismu l-inkwilinat tal-proprjeta’, *licencee* ta’ permess jista’ johloq kumpanija biex imexxi n-negozju, *pero’*, dan ma jfissirx li hu ma jibqax *licencee*. Biex kreditur ta’ obbligazzjoni jinghad li accetta bidla fil-persuna tad-debitur tieghu, tali accettazzjoni trid tkun jew espressa,

jew, jekk tacita, univoka, cara u li ma thalli ebda dubju dwar l-intenzjoni tal-kreditur. Il-fatt li l-kreditur ippermetta lil-*licencee* jopera *tramite* kumpanija, ma tistax tfisser li hu accetta bidla fil-persuna tal-*licencee*. Tali novazzjoni tehtieg prova konkludenti u cara, li f'dan il-kaz ma tirrizultax. Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Briffa vs Gauci", deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, fuq dak li jinghad fil-gurisprudenza *"quantunque la novazione possa risultare senza che si usino formole o parole speciali, pure non puo' mai essere presunta, ed e' di legge espressa e venne costantemente ritenuto in dottrina ed in gurisprudenza dovere la stessa chiaramente risultare"*.

Ix-xiri u n-negozju li kienet taghmel is-socjeta' konvenuta, kienet taghmlu bis-sahha tal-licenzja li kellu Nazzareno Fenech, u ma kienx negozju gdid jew indipendenti li hi kienet twettaq direttament mal-Korporazzjoni attrici. Hi kienet tagixxi *qua* operatur tal-licencee, li qatt ma gie estromess mill-kwistjoni jew liberat mill-obbligazzjonijiet tieghu versu l-Korporazzjoni attrici.

Il-*licencee*, bhala l-persuna responsabbli lejn il-Korporazzjoni attrici, jibqa' allura responsabbli lejha ghat-twettiq ta' kull obbligazzjoni li l-operatur wettaq bil-permess tieghu (tal-*licencee*), u *kwindi* ghandu jigi kkundannat *in solidum* ghall-hlas tal-prezz mitlub.

Is-socjeta' konvenuta eccepiet ukoll il-konnessjoni ta' din il-kawza ma zewx kawzi ohra, *pero'*, ma ndikatx in-natura tal-konnessjoni u tul is-smiegh tal-provi f'din il-kawza, f'ebda stadju ma saret insistenza jew talba specifika biex il-kawzi jigu trattati kontestwalment. Il-Qorti rat li din il-kawza setghet timxi wahedha, u *kwindi* ghaddiet ghad-decizjoni taghha fil-meritu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi, *previa* li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-tieni talba attrici u tikkundanna liz-zewg konvenuti *in solidum* ihallsu lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm244,634.65 (mitejn u erbgha u erbghin elf, sitt mija u

erba' u tletin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu), bl-imghax legali mill-1 ta' Marzu, 1988, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, hlief dawk gia decizi, jithallsu mill-konvenuti *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------